**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 742/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Vassallo)**

**vs**

**Mario Xuereb ta' 32 sena, iben Anthony**
**u Carmen nee Camilleri, mwieled H'Attard**
**fl-1 ta' Ottubru, 1968 u residenti fil-fond numru**
**228, 'Vitesse', Triq il-Fortizza, Mellieha,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' numru 413268 (M).**

**Illum 15 ta' Frar, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mario Xuereb li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fix-xhur ta' qabel it-2 ta' Frar, 2000 minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fin-numru tax-chassis tal-vettura ta' l-ghamla Land Rover, bin-numru DAE-754 u dan ai termini ta' l-artikoli 17 u 31 tar-regolamenti ta' l-1994 dwar il-vetturi bil-mutur (AL 128/1994) u ta' l-artikolu 18 tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi ffalsifika n-numru tax-chassis tal-vettura ta' l-ghamla Land Rover, bin-numru DAE-754 ai termini ta' l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukta Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti tal-kawza.

Ghaldaqstant wara li rat l-ammissjoni tieghu issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-art 18 tal-Kap 65, 188 tal-Kap 9 ikkunsidrat il-genwinita' ta' dan ir-reat, rat l-artiklu 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.